# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Sebgħa (7) ta' April 2022**

**Rikors Numru 2/2022 FDP**

Fl-ismijiet

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Nru 1490/2020 fl-ismijiet**

**Damiano Bonventre (Passaport Taljan AA0458259) eżerċjenti fil-kummerċ bħala Star Events**

**Vs**

**Lexema Ltd (C-68374)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 4 ta' Jannar 2022, li permezz tiegħu s-soċjeta' rikorrenti talbet is-segwenti:

> *Illi fis-26 ta' Ottubru 2020, din l-Onorabbli Qorti ordnat il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1490/2020 GM kontra s-soċjetà esponenti fis-somma ta' €21,200. Dan il-mandat huwa hawn anness bħala Dok 'A',*
>
> *Illi fl-istess ġurnata, is-sekwestrant intavola rikors ġuramentat numru 978/2020 kontra s-socjetà esponenti quddiem din l-Onorabbli Qorti għall-ħlas tas-somma ta' €21,200 bħala bilanċ dovut għas-servizzi prestati minnu lis-soċjetà esponenti.*

*Illi fit-12 ta' Novembru 2020 il-bank tas-soċjeta' esponenti, ċioe' s-soċjetà Bank of Valletta plc. (C 2833) iddepożitat taħt l-awtorità ta' din l-Onorabbli Qorti l-ammont pretiż mis-sekwestrant a dana permezz taċ-ċedola ta' depożitu bin-numru 1717/2020. Din iċ-ċedola ta' depożitu hija hawn annessa bħala 'Dok B'.*

*Illi fit-3 ta' Diċembru 2020, s-soċjetà esponenti ppreżentat rikors illi fih talbet ir-revoka parzjali tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju in kwistjoni u dan billi l-effetti tal-istess mandat ta' sekwestru kawtelatorju jibqgħu limitati għall-flus iddepożitati permezz taċ-ċedola ta' depożitu numru 1717/2020 mentri jiġi altrimenti revokat.*

*Illi din it-talba ġiet akkordata minn din l-Onorabbli Qorti fl-4 ta' Diċembru 2020.*

*Illi minn dak iż-żmien, fil-mori ta' din il-kawża ġew ippreżentati diversi provi kemm mill-attur kif ukoll mill-konvenut, liema provi huma impellenti u juru bl-iktar mod ċar illi l-pagament ta' €21,200 li huwa l-mertu ta' din il-kawża, fil-fatt sar u tħallas mis-soċjeta' esponenti. Ara Dok C, D, E, F, G u H.*

*Illi għaldaqstant, is-soċjeta' esponenti tissottometti bil-qima illi peress illi l-ammont mitlub mis-sekwestrant jidher bla dubju ta' xejn li diġa' tħallas mis-soċjetà esponent, fiċ-ċirkostanzi m'għadux raġonevoli li l-mandat ta' sekwestru bin-numru 1490/2020 GM maħruġ fis-26 ta' Ottubru 2020 jinżamm fis-seħħ u mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli. Jekk il-ħlas ma wasalx għand is-sekwestrant, ħaddieħor għandu jagħmel tajjeb u mhux is-soċjetà esponenti.*

*Illi del resto, kif jirriżulta mill-kontijiet finanzjarji annwali tas-soċjetà sekwestrata għas-snin 2019 u 2020, hawn allegati bħala Dok T u T, jirriżulta ċar illi s-soċjetà sekwestrata għandha biżżejjed assi, flus kontanti u kapital sottoskritt sabiex tagħmel tajjeb għall-pretensjoni tas-sekwestrant, fl-eventwalita' li jiġi hekk deċiż. Minkejja illi s-sena 2020 kienet waħda diffiċli minħabba l-pandemija tal-Covid, is-soċjetà sekwestrata xorta għalqet is-sena b'assi li jiżbqu €156,000. Din l-informazzjoni hija pubblika u s-sekwestrant żgur li seta' jkun jaf b'dan, iktar u iktar meta kemm is-sekwestrant u kif ukoll is-soċjeta' sekwestrata kienu jinqdew bis-servizzi tal-accountant Charles Attard li xehed fis-seduta tas-16 ta Diċembru 2021. Peress, li ma hemm ebda dubju raġonevoli dwar il-qagħda finanzjarja solida u tal-likwidità tas-soċjeta sekwestrata u dan kien magħruf sew, hemm ukoll lok għall-ħlas ta' penali a tenur tal-Artikolu 836 (8) (c) u (d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għaldaqstant, is-soċjetà esponenti titlob bil-qima lil din l-Onorabbli Qorti tirrevoka l-istess mandat ta' sekwestru a tenur tal-Artikolu 836(1), (d) (e) u (f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u kif ukoll tordna lis-sekwestrant sabiex iħallas penali ta' mhux inqas minn elf, mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) u mhux iżjed minn sitt elef, disa' mija u*

*tmienja u tmenin euro u tnax-il ċenteżmu (6,988.12) li jmorru għand is-soċjeta' sekwestrata, u dan a tenur tal-Artikolu 836 (8) (c) u (d).*

2. Rat illi fl-1 ta' Marzu 2022, l-intimat Damiano Bonventre laqa' għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiża:

    1. *ILLI fl-ewwel lok, l-avukat sottoskritt jirrileva li għalkemm huwa bagħat javża b'dan ir-rikors lill-klijent tiegħu, huwa għadu sa llum ma rċeviex istruzzjonijiet u qiegħed jintavola din ir-risposta, in vista tat-terminu, u għalhekk mhuwiex edott dwar kull difiża li jista' jkollu l-assistit tiegħu;*

    2. *ILLI f'kull każ jiġi eċċepit illi ma jissussistux l-elementi rikjesti mil-liġi sabiex jiġi revokat il-mandat mitlub; għalkemm is-soċjetà sekwestrata hija bbażata u topera f'Malta, l-azzjonisti u l-benefiċċjarji tagħha huma kollha barranin u sakemm jaf l-esponent m'għandhiex assi immobbli f'Malta; għalhekk, f'każ li kellu jitneħħa s-sekwestru, is-sekwestrant ma jkollu l-ebda kontroll li s-soċjetà sekwestrata ma tagħlaqx u żżarma minn Malta u ma tħalli l-ebda assi li fuqhom tkun tista' tiġi eżegwita kull eventwali sentenza; dan apparti li kien diġà ntlaħaq qbil bejn il-partijiet illi dan il-mandat jitneħħa parzjalment billi l-effetti tiegħu jiġu limitati għall-fondi li jinsabu depożitati fir-reġistru u l-effetti tal-mandat diġà spiċċaw għal dak li jirrigwarda s-sekwestratarji oriġinali;*

    3. *ILLI madanakollu, f'dan l-istadju, l-avukat sottoskritt huwa f'qagħda li jinforma lil din l-Onorabbli Qorti li l-mertu tal-kawża jinsab viċin li jkun eżawrit; ix-xhud Dr Charles Attard informah illi l-fondi li ntbagħtu permezz ta' bank transfer minn Lexema Ltd bi ħlas tas-servizzi tas-Sur Bonventre (€21,200) instabu għand Barclays Bank ta' Londra, iżda jidher li ma jistgħux jgħaddu għand is-Sur Bonventre minħabba li kien hemm żball fid-dettalji tal-kont benefiċċjarju;*

    4. *ILLI għalhekk, f'dan l-istadju, Barclays Bank qed tistenna istruzzjonijiet bil-miktub mingħand Lexema Ltd sabiex tkun tista' tipproċedi, u dan kif l-avukat sottoskritt informa lill-avukat difensur ta' Lexema telefonikament, u l-istess somma tinsab depożitata fir-reġistru tal-Qorti bħala riżultat tal-mandat odjern; għalhekk f'dan l-istadju kull ma jonqos huwa li Lexema Ltd tawtorizza l-ħlas tas-sorte lill-attur, jew mill-flus li hemm Londra jew mill-flus li hemm depożitati fir-reġistru, a xelta tagħha, u li tieħu lura s-somma l-oħra; u jkun għad fadal biss il-kap ta' l-ispejjeż x'jiġi tranżatt (l-avukat sottoskritt diġà informa lill-kollega li l-attur huwa addirittura dispost li jċedi l-proċeduri kollha bla taxxa sabiex il-vertenza tingħalaq malajr).*

    5. *ILLI għaldaqstant jiġi sottomess umilment illi f'dan l-istadju jistgħu b'rieda tajba jiġi riżolti sija dawn il-proċeduri u sija l-proċeduri fil-mertu mingħajr il-ħtieġa ta' digrieti jew sentenzi ulterjuri.*

3. Rat id-dokumentazzjoni ppreżentata mill-partijiet mal-atti fuq imsemmija.

4. Semgħet it-trattazzjoni tal-konsulenti legali tal-partijiet illi saret fl-4 ta' April 2022, wara liema trattazzjoni l-kawża ġiet differita għallum għal deċiżjoni finali.

## Konsiderazzjonijiet

5. Jirriżulta illi flimkien mal-Mandat ta' Sekwestru Nru 1490/2020 kienet ġiet intavolata kawża fl-istess ismijiet, Rikors Ġuramentat Nru 978/2020, għall-ħlas tal-import ta' €21,200.

6. Jirriżulta illi, fl-4 ta' Diċembru 2020, il-Mandat ta' Sekwestru 1490/2020 ġie limitat għal-flus iddepositati permezz ta' Ċedola ta' Depositu mill-Bank of Valletta Plc Nru 1717/2020, u dana fl-import ta' €21,200.

7. Jirriżulta illi, permezz tar-rikors odjern, is-soċjeta' rikorrenti odjerna, ossija Lexema Limited, intimata fil-proċeduri mibdija minn Damiano Boventre, qiegħda titlob żewġ affarijiet:

    a. Li l-Mandat ta' Sekwestru jiġi revokat abbażi tal-Artikolu 836 (1)(d), 836 (1)(e), 836 (1)(f) tal-Kap 12.
    b. Li Damiano Boventre jiġi kkundannat iħallas penali a tenur tal-Artikolu 836 (8)(c) u 836 (8)(d).

8. Jirriżulta illi t-talba għar-revoka tal-Mandat qiegħed isir fuq tell pretesti, li huma riflessi fis-segwenti sub-artikoli tal-Liġi illi referenza għalihom saret aktar 'il fuq:

    *(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv; jew*

    *(e) jekk il-garanzija mogħtija titqies mill-qorti li tkun biżżejjed; jew*

    *(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli.*

9. Dwar l-ewwel parti tat-talba tar-rikorrent, ossija r-revoka tal-Mandat, il-Qorti tagħmel referenza għal dak deċiż mill-Prim' Awla fit-28 ta' April 2015 fl-atti tar-rikors għall-ħruġ ta' kontromandat fl-ismijiet **DOM Communications Ltd vs. Office Group Ltd**, fejn intqal is-segwenti:

    *"…fir-rigward tal-proċeduri li jsiru ai termini tal-Artikolu 836, il-Qorti kemm-il darba għamlitha ċara li hija bl-ebda mod ma tidħol fil-fond tal-vertenza għaliex kif irritenew diversi drabi l-Qrati tagħna, il-proċedura maħsuba fl-Artikolu 836 għandha tkun waħda sommarja, u l-eżami tagħha għandu jkun biss ta' prima facie.*

    *Dan qalitu din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **Camilleri vs Gové et**, deċiża fl-10 ta' Mejju, 2001, b'dan il-kliem:*

    *"mid-dispożizzjoni tal-Art. 836 jidher li l-uniku eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa biss dak ta'* ***prima facie*** (sottolinjar ta' dina l-Qorti) *u dan għaliex il-mandat kellu jiġi investigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju u*

*dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali fil-kawża proprja."*

10. L-istess ġie rilevat fl-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 1235/2015 fl-ismijiet **Gaetano Abdilla et vs Bianco Charles et,** fejn intqal is-segwenti:

*"L-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab ir-revoka. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv. Illi dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li r-rikorrent eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni. Il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipji li d-dritt għal azzjoni ġudizzjarja ma għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha sakemm il-jedd sostantiv ikkontestat jiġi definit minn Qorti (Vide Vincent Mercieca vs George Galea, 29 ta' Novembru, 2011, u Technobroadcast srl vs Mediterrenean Broadcasting Limited, tal-5 ta' Ġunju, 2007)."*

11. Dwar it-tieni parti tat-talba, ossija l-imposizzjoni ta' penali, il-Qorti tagħmel referenza għal dak illi ntqal fil-kawża **Joseph Tabone vs Capece Construction Limited** deċiża fl-14 ta' Awwissu 2013, fejn intqal is-segwenti:

*Illi dwar il-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltattiva. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impozizzjoni hija fakultattiva, jrid jintwera għas-sodisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgha (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f'dan ir-rigward, u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi. Dwar din id-diskrezzjoni ngħad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirriżultaw l-estremi li l-liġi teżiġi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss tagħżel li ma timponix il-penali maħsuba fl-artikolu 836(8) f'każijiet estremi fejn is-sens ta' ġustizzja hekk kien jimponilha. Il-penali maħsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap. 12 hija waħda ta' ordni pubbliku immirata li tiżgura serjetà fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż.*

12. Jirriżulta, mill-assjem tad-dokumentazzjoni u tas-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet, li filwaqt li l-pretensjoni ta' Damiano Bonventre hija ta' €21,200, li għalihom ġia ġiet depositata ċedola ta' depositu w il-Mandat ta' Sekwestru odjern ġie debitament limitat, ma hemm ebda raġuni, fuq bażi prima facie, għaliex tali talba għandha tintlaqa', peress illi l-pretenzjoni għadha pendenti u ma ġietx riżolta, a differenza ta' dak indikat mis-soċjeta' rikorrenti Lexema Ltd.

13. Jirriżulta ċar, ukoll, illi filwaqt li ma jeżistux l-estremi sabiex tintlaqa' t-talba tas-soċjeta' rikorrenti biex l-intimat Damiano Bonventre jiġi ordnat iħallas penali, jirriżulta wkoll illi t-talba odjerna hija waħda intempestiva, stante illi l-proċeduri għadhom pendenti.

## Konklużjoni

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tiċħad** it-talba tas-soċjeta' rikorrenti Lexema Ltd kif dedotta.

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni ikunu kollha a kariku tas-soċjeta' rikorrenti Lexema Ltd.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**